



6.5.2011

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1278/2010, imressqa minn D.M., ta' nazzjonalità Taljana, dwar it-tiġdid ta' kuntratti tal-impjeg għal żmien fiss u l-allegat ksur mill-Italja tad-Direttiva 1999/70/KE

Petizzjoni 1302/2010, imressqa minn M. R., ta' nazzjonalità Taljana, dwar it-tiġdid tal-kuntratti tax-xogħol b'terminu fiss u l-allegat ksur mill-Italja tad-Direttiva 1999/70/KE

Petizzjoni 1525/2010, imressqa minn Valeria Pizzati, ta' nazzjonalità Taljana, dwar it-tiġdid tal-kuntratti ta' żmien fiss u l-allegat ksur tad-Direttiva 1999/70/KE

1. Sommarju tal-petizzjoni

Petizzjoni 1278/2010

Il-petizzjonant jallega li l-awtoritajiet Taljani qed jonqsu milli jimplimentaw kif suppost id-Direttiva 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss trasposta fil-liġi nazzjonali skont id-Digriet-Liġi 368/01.

B'mod partikolari, huwa tal-opinjoni li t-tiġdid repetut tal-kuntratti għal żmien fiss huwa ksur tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

Petizzjoni 1302/2010

Il-petizzjonanta tallega li l-awtoritajiet Taljani qed jonqsu milli jimplimentaw kif xieraq id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss trasposta

fil-leġiżlazzjoni nazzjonali taħt id-Digriet-Liġi 368/01. B'mod partikolari, hija ssostni li t-tiġdid kontinwu ta' kuntratti b'terminu fiss huwa ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Petizzjoni 1525/2010

Il-petizzjonanta ssostni li l-awtoritajiet Taljani qed jonqsu milli jimplimentaw kif xieraq id-Direttiva 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss trasposta fil-liġi nazzjonali skont id-Digriet-Liġi 368/01. B'mod partikolari, il-petizzjonanta ssostni li t-tiġdid kontinwu tal-kuntratti ta' żmien fiss jikkostitwixxu ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Frar 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Frar 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

Iddikjarata ammissibbli fit-18 ta' Marzu 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-6 ta' Mejju 2011.

Il-petizzjonijiet

F'petizzjoni 1278/2010, il-petizzjonant jindika li huwa bata minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni fil-prattika tal-protezzjoni kontra suċċessjonijiet abbużivi ta' kuntratti għal żmien fiss. Skont il-petizzjonant l-iskejjel Taljani mhumiex qed jikkonformaw mal-Artikolu 5(4)(a) tad-Digriet Leġiżlattiv 368/01, li jistipola li kuntratt wieħed jew aktar b'terminu ta' aktar minn tliet snin għandu jitqies bħala kuntratt permanenti.

Il-petizzjonant jilmenta li f'Settembru 2010 huwa tkeċċa mingħajr avviż, mill-pożizzjoni ta' assistent amministrattiv (persunal tal-ATA), mill-Ministeru Taljan tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka, permezz tal-Uffiċċju tal-Edukazzjoni Provinċjali ta' Katanja, wara 11-il kuntratt għal żmien fiss konsekuttivi f'din il-kariga, mill-2004 'l quddiem. Il-petizzjonant isostni wkoll li l-Istat Taljan mhuwiex korrett fir-rigward tal-protezzjoni effettiva, billi hu jirrapporta li l-Qrati tal-Impjeg sempliċement jipprovdu kumpens u mhux bidla għal kuntratt permanenti.

Il-petizzjonant jirreferi wkoll għal mistoqsija bil-miktub mill-MEP Rita Borsellino lill-Kummissjoni u t-tweġiba mill-Kummissarju Andor.

Fil-petizzjoni 1302/2010, il-petizzjonanta tindika li batiet minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni fil-prattika tal-protezzjoni kontra suċċessjonijiet abbużivi ta' kuntratti għal żmien fiss. Il-petizzjonanta tallega li f'Settembru 2010 hi tkeċċiet mingħajr avviż, mill-pożizzjoni ta' assistenta amministrattiva (persunal tal-ATA), wara 7 kuntratti għal żmien fiss konsekuttivi f'din il-kariga, mill-2004 'l quddiem. Il-petizzjonanta tilmenta wkoll dwar l-imġiba tal-Istat Taljan, fir-rigward tal-protezzjoni effettiva, billi hi tirrapporta li l-Qrati tal-

Impjieg sempliċement jipprovdu kumpens u mhux bidla għal kuntratt permanenti. Il-petizzjonanta tqis li l-għoti tal-kumpens huwa ineffettiv u inadegwat.

F'petizzjoni 1525/2010, il-petizzjonanta tindika li batiet minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni fil-prattika tal-protezzjoni kontra suċċessjonijiet abbużivi ta' kuntratti għal żmien fiss. Il-petizzjonanta tilmenta li għiet impjegata fuq bażi ta' 9 kuntratti għal żmien fiss konsekuttivi, bl-għaxar kuntratt li se jiskadi f'Ġunju 2011. Il-petizzjonanta tikkunsidra li dan juri biċ-ċar li l-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE mhuwiex qed jiġi applikat. Il-petizzjonanta ssostni li sofriet dannu minħabba f'dan.

Il-petizzjonanta tilmenta wkoll dwar il-fatt li l-protezzjoni pprovduta mill-Qrati tal-Impjieg mhijiex xierqa, billi dawn sempliċement jipprovdu kumpens, fatt li jnaqqas l-effettività u l-adegwatezza tas-sanzjonijiet użati fil-prattika.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjonijiet

Il-Membru Onorarju Borsellino, fil-Mistoqsija Parlamentari E-2354/10, qajmet ukoll il-kwistjoni ta' persunal amministrattiv tekniku u awżiljarju (ATA) fl-iskejjel pubbliċi li jaħdem fuq kuntratti għal żmien fiss suċċessivi għal numru ta' snin. Il-mistoqsija ssemmi s-sejbiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-kawża C-212/04 *Adeneler*, li jsostnu li l-liġi Komunitarja tipprojbixxi li kuntratti konsekuttivi għal żmien fiss jitqiesu bħala suċċessivi biss meta jiġu konklużi fi żmien 20 ġurnata minn xulxin.

L-Italja ttrasponiet d-Direttiva 1999/70/KE permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368 tas-6 ta' Settembru 2001 (kif ġie emendat). L-Artikolu 4 ta' din il-leġiżlazzjoni jispeċifika li kuntratt għal żmien fiss jista' jiġi estiż darba biss u li terminu totali ma jstax jaqbeż tliet snin. L-Artikolu 5 jistipola l-arranġamenti li għandu jkun hemm meta l-kuntratti għal żmien fiss jinbidlu f'kuntratti għal żmien indefinit, fi żmien għaxar ġranet mid-data tal-iskadenza ta' kuntratt li t-terminu tiegħu huwa ta' sitt xhur jew inqas, jew fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-iskadenza ta' kuntratt li t-terminu tiegħu huwa ta' aktar minn sitt xhur. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(4-a) jistipola li sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fi ftehimiet kollettivi, meta, minħabba kuntratti għal żmien fiss suċċessivi għall-prestazzjoni ta' kompiti ekwivalenti, relazzjoni ta' impjieg bejn l-istess persuna li tħaddem u l-istess ħaddiem taqbeż total ta' 36 xahar, inklużi l-estensjonijiet u t-tiġdid, ir-relazzjoni tal-impjieg għandha, minn dak inhar 'il quddiem, titqies bħala kuntratt għal perjodu indeterminat, irrISPettivament mill-perjodi ta' waqfien bejn kuntratt u ieħor.

F'April 2010, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet Taljani biex tiċċara jekk l-impjieg fl-Italja, fir-rigward tal-kuntratti għal żmien fiss suċċessivi tal-persunal amministrattiv tekniku u awżiljarju fl-iskejjel tal-istat, kienx konformi ma' din il-leġiżlazzjoni tat-traspożizzjoni Taljana.

F'Lulju 2010, l-awtoritajiet Taljani infurmaw lill-Kummissjoni li l-liġi Taljana li tirregola lill-ħaddiema fis-settur tal-iskola taqa' f'kategorija għaliha (partikolarment, l-Artikolu 4(1) tal-Liġi Nru 124/99 u l-Artikolu 1(1)(a) tad-Digriet Ministerjali Nru 430/00), u tippermetti li ma tiġix indikata l-kawża tal-ewwel kuntratt għal żmien fiss, filwaqt li, bħala regola ġenerali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali teħtieġ dan fir-rigward ta' kull relazzjoni ta' impjieg oħra għal żmien fiss, li tippermetti li l-kuntratti jiġġeddu indipendentement mill-eżistenza ta' eżiġenzi permanenti u fit-tul, li ma tipprovdi la t-tul massimu totali tal-kuntratti jew relazzjonijiet ta'

impjieg għal żmien fiss, la n-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet u lanqas, normalment, l-ebda perijodu bejn it-tiġdid, jew fi kliem ieħor, fil-każ ta' supplenzi annwali, il-perijodi li jikkorrispondu għall-vaganzi tas-sajf fejn l-attività skolastika tkun sospiża jew ridotta ħafna.

L-awtoritajiet Taljani komplew isostnu li l-kwistjoni tat-tiġdid tal-kuntratti għall-persunal tal-iskola taqa' fil-kompetenza tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, u li r-relazzjonijiet tal-impjieg taħt awtorità pubblika jaqgħu taħt ir-responsabilità tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika. Madankollu, il-Ministeru għall-Impjieg sostna li fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 36(1) u (2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001 (Liġi Konsolidata (TU) dwar is-servizz ċivili), huwa stat ta' fatt li l-awtoritajiet pubbliċi jużaw, b'mod esklussiv, kuntratti tal-impjieg għal perijodu indeterminat għar-rekwiżiti normali tagħhom, iżda bħala reazzjoni għar-rekwiżiti temporanji u eċċezzjonali huma jistgħu jirrikorru għal forum kuntrattwali flessibbli ta' reklutaġġ u ta' impjieg tal-persunal previsti mill-Kodiċi Ċivili u mil-liġijiet dwar ir-relazzjonijiet ta' impjieg fl-impriża (bħal pereżempju kuntratti għal perijodu fiss u kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol), li jkunu soġġetti għal proċeduri tar-reklutaġġ fis-seħħ.

Huma indikaw li l-Artikolu 36(5) jistipola li l-ksur tad-dispożizzjonijiet vinkolanti dwar ir-reklutaġġ jew l-impjieg ta' ħaddiema mill-awtoritajiet pubbliċi m'għandu, taħt l-ebda ċirkostanza, iwassal għall-ħolqien ta' relazzjonijiet tal-impjieg għal perijodu indeterminat ma' dawn l-awtoritajiet pubbliċi, bla ħsara għar-responsabilità u għall-penali li jistgħu jinkorru. Il-ħaddiem ikkonċernat huwa intitolat għal kumpens għad-dannu inkors minħabba li jkun qed jaħdem f'sitwazzjoni li tkun qed tmur kontra d-dispożizzjonijiet vinkolanti. Madankollu, mhuwiex ċar jekk dawn id-dispożizzjonijiet vinkolanti jinkludux miżuri li jipprevienu l-abbuż ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi kif stipolat fil-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas.

L-awtoritajiet Taljani mbagħad enfasizzaw li, b'kunsiderazzjoni speċifika għall-bidla ta' kuntratt tal-impjieg għal żmien fiss f'kuntratt għal perijodu indeterminat fejn it-termini stipolati fil-liġi ma jiġux rispettati, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 78/2009, ikkonvertit f'Liġi Nru 102/2009, żied paragrafu 5a ġdid mal-Artikolu 36 fir-rigward tal-impjieg fis-settur pubbliku, fejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(4c, d u e) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001 għandhom jiġu applikati b'mod esklussiv għall-persunal reclutat skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 35(1)(b) tal-Liġi Konsolidata dwar is-servizz ċivili, i.e. permezz ta' reklutaġġ minn fost dawk irreġistrati għall-ħiliet u l-professjonijiet li jirrikjedu biss ċertifikat ta' tlestija tal-edukazzjoni obbligatorja, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit ieħor għal professjonijiet speċifiċi.

Għalhekk, skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, il-pieni li jirregolaw il-bidla minn relazzjoni tal-impjieg għal żmien fiss għal waħda għal perijodu indeterminat ma japplikawx fil-liġi Taljana għar-relazzjonijiet tal-impjieg għall-persunal tekniku fl-iskejjel, billi tali persunal mhuwiex kopert mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35(1)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 165/2001. Skont l-awtoritajiet Taljani din l-esklużjoni ma tidhirx li hija diskriminatorja billi ma tirreferix għal kategorija speċifika ta' ħaddiema iżda għas-settur tal-impjieg privat sħiħ.

Id-Direttiva ma tirrikjedix li impjieg abbażi ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi, wara ċertu perijodu, għandu jinbidel f'impjieg permanenti. Pjuttost hija tistipola li għandhom jittieħdu miżuri kontra l-kuntratti għal żmien fiss suċċessivi li jkunu abbużivi. Fil-kawżi C-212/02

Adeneler u f' C-53/04 Marrosu, il-Qorti sostniet li l-bidla minn kuntratt għal żmien fiss għal kuntratt għal perjodu indeterminat ma kinetx l-unika miżura għall-prevenzjoni tal-abbuż u lanqas ma kienet eżitu inevitabbli tad-Direttiva għas-settur pubbliku. Il-miżuri effettivi alternattivi li jipprevienu, u fejn ikun hemm bżonn, jippenalizzaw l-użu żbaljat tal-kuntratti għal żmien fiss suċċessivi, li jissostitwixxu tali bidla, jistgħu wkoll jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

Dawn il-petizzjonijiet għal darba oħra jqajmu l-allegazzjonijiet ta' abbuż tal-kuntratti għal żmien fiss suċċessivi għall-persunal amministrattiv tekniku awżiljarju fl-iskejjel tal-istat, liema kwistjoni diġà ġiet soġġetta għal investigazzjonijiet mill-Kummissjoni u li dwarha l-awtoritajiet Taljani diġà ġew ikkuntattjati. Ir-risposta tal-awtoritajiet Taljani tissuġġerixxi li m'hemm l-ebda miżuri fis-seħħ li jipprevienu l-abbuż ta' tali kuntratti għal żmien fiss. Barra minn hekk, jidher li m'hemm ebda qafas leġiżlattiv usa' li jista' jintuża biex jipprevieni l-abbuż. Din il-konklużjoni tirriżulta mill-korrispondenza, li biha l-awtoritajiet Taljani sempliċement jinfurmaw lill-Kummissjoni li l-miżuri li normalment jipprevienu l-abbuż ma japplikawx għal din il-kategorija ta' impjegati fis-settur pubbliku.

Billi m'hemm l-ebda deroga għall-kategorija tal-ħaddiem tas-settur pubbiku inkwistjoni¹, il-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tapplika għall-impjegat ta' persunal amministrattiv tekniku awżiljarju fl-iskejjel tal-istat. Barra minn hekk, billi l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew l-ebda informazzjoni rigward liema miżuri jistgħu jkunu fis-seħħ biex jipprevienu l-abbuż ta' kuntratti għal żmien fiss għall-persunal amministrattiv tekniku awżiljarju, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi biss li m'hemm l-ebda miżura effettiva fis-seħħ.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-allegazzjonijiet tal-petizzjonanti, rigward il-prattika tal-Italja li timpjega persunal amministrattiv tekniku awżiljarju abbażi ta' kuntratti għal żmien fiss suċċessivi, huma fondati ladarba jidher li m'hemm l-ebda miżura li tipprevieni l-abbuż ta' tali Prattika, li mhijiex konformi mal-Liġi tal-UE. Il-Kummissjoni diġà nediet il-passi neċessarji biex titlob lill-Italja tikkonforma mal-liġi tal-UE.

¹ Ara paragrafi minn 28 sa 30 ta' Kawża C-307/05, Yolanda Del Cerro Alonso vs Osakidetza-Servicio Vasco de Salud, rapporti tal-Qorti Ewropea 2007 Paġna I-07109